2024/1677

13.6.2024

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1677

tat-30 ta' Mejju 2024

dwar l-approvazzjoni tal-irtirar tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 101, it-tieni paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija ("l-ECT") ġie konkluż mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Komunità") permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom [1], u daħal fis-seħħ fis-16 ta' April 1998.

(2) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe aġġornament sostanzjali tal-ECT mis-snin 90, l-ECT sar dejjem iktar antikwat.

(3) Fl-2019, il-Partijiet Kontraenti għall-ECT ("il-Partijiet Kontraenti") daħlu f'negozjati bl-għan li jimmodernizzaw l-ECT, biex jallinjawh mal-prinċipji tal-Ftehim ta' Pariġi [2], mar-rekwiżiti tal-iżvilupp sostenibbli u mal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, kif ukoll ma' standards moderni tal-protezzjoni tal-investiment.

(4) Matul Konferenza ad hoc fl-24 ta' Ġunju 2022, il-Partijiet Kontraenti laħqu ftehim fil-prinċipju dwar it-test modernizzat, u b'hekk ikkonkludew in-negozjati, mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni finali mill-Partijiet Kontraenti. L-eżitu nnegozjat kellu jiġi adottat fit-33 laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija (il-"Konferenza") fit-22 ta' Novembru 2022.

(5) Qabel il-laqgħa tal-Konferenza, il-Komunità ma adottatx pożizzjoni dwar il-modernizzazzjoni tal-ECT.

(6) Fin-nuqqas ta' pożizzjoni tal-Komunità, il-Komunità ma tistax tivvota dwar l-adozzjoni tal-ECT modernizzat fil-Konferenza.

(7) B'konsiderazzjoni ta' dan ta' hawn fuq, jenħtieġ li l-Komunità tirtira mill-ECT. F'konformità mal-Artikolu 101, it-tieni paragrafu, tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, id-deċiżjoni dwar l-irtirar għandha tittieħed mill-Kummissjoni soġġett għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

(8) Diversi Stati Membri esprimew l-appoġġ tagħhom għall-emendi proposti għall-ECT u indikaw l-intenzjoni tagħhom li jibqgħu Partijiet Kontraenti, soġġett għall-modernizzazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li dawk l-Istati Membri għalhekk jitħallew, permezz ta' deċiżjoni separata tal-Kunsill, japprovaw jew ma jopponux il-modernizzazzjoni tal-ECT fil-Konferenza li ser tadotta dik il-modernizzazzjoni.

(9) Skont l-Artikolu 47(1) tal-ECT, Parti Kontraenti tista' tagħti notifika bil-miktub tal-irtirar tagħha mill-ECT lid-Depożitarju tal-ECT, jiġifieri r-Repubblika Portugiża. Skont l-Artikolu 47(2) tal-ECT, dan l-irtirar jidħol fis-seħħ mal-iskadenza ta' perjodu ta' sena mid-data li fiha d-Depożitarju jirċievi n-notifika.

(10) Jenħtieġ li l-irtirar tal-Komunità mill-ECT jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-irtirar tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija huwa b'dan approvat.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom tat-23 ta' Settembru 1997 rigward il-konklużjoni, mill-Komunitajiet Ewropej, tat-Trattat fuq il-Karta tal-Enerġija u l-Protokoll tal-Karta tal-Enerġija dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-aspetti ambjentali relatati (ĠU L 69, 9.3.1998, p. 1).

[2] ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Mejju 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

T. VAN DER STRAETEN